**Pawlu Missier il-Maltin**

X’għadda mingħalik O Pawlu
Minn liema baħar int għaddejt,
Sabiex twasslilna lil Kristu
Min minna jaf kemm int soffrejt?

Dak it-taħbit tiegħek wasslet
Biex xi drabi missejt il-mewt,
Mija u ħamsa u disgħin
‘il daqqa qlajt għax kont fis-sew.

U biex dan ma jkunx il-kollox
Ħadt ukoll is-swat bil-vireg,
Darb’oħra ħaġġruk l-għedewwa
Fittxew joqtlu lil dik ħiltek.

Imma mħabbtek għal dak Kristu
Wasslitek biex għal tlett darbiet,
Int tara ma’ wiċċek l-għarqa
Basta ixxandar l-ogħla barkiet.

Fis-safar bla għadd, f’perikli
Minn ħallelin u nies ġensek,
Bil-perikli tal-pagani
Fl-ibliet, fid-deżert jiġru miegħek.

Meta ittradewk minn ġewwa
l-aħwa ma stħawx, hekk qarrieqa,
mit-taħbit, xogħol iebes, bla rqad
f’jiem bla ikel, xorb w għajjiena.

Kemm somt għażiż Pawlu fil-ksieħ
U fl-għera minħabba l-faqar,
Ma’ dan kollu nies bla taqta’
Tfittxek biex lilha issabar.

U bil-ħsieb tal-knejjes kollha
B’dawn it-tbatijiet bqajt għaddej,
Għax fit-taħbit u f’tant tfixkil
Bqajt sod, imwaħħad mal-Mulej.

X’għadda mingħalik O Pawlu
Ferħ, tbaqbiq, biki u faraġ,
Ibqa’ kun għall-poplu Malti
Tal-glorja tas-sema t-taraġ.

Pawlu Pawlu, għalliem tagħna
Missierna fil-fidi ħanin,

Ħarisna b'imħabbtek safja
Int Missierna tagħna l-Maltin!

Patri Mario Attard OFM Cap
10 ta' Frar 2021